**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**Dr. Anna Mallia**

**Seduta tal-10 ta' Lulju, 2017**

**Avviz Numru: 261/2016 AM3**
**Numru fuq il-Lista: 1**

**Stephen Debono (ID:412067M)**
**208, Triq Santa Domenica,**
**Zabbar**
**Vs**
**Glenn Mallia (ID:415585M)**
**144, Flat 3,**
**Triq il-Pellegrinagg,**
**Bormla**

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-15 ta' Lulju, 2016 li permezz tieghu l-attur talab minghand il-konvenut il-hlas tas-somma ta' elf u tmenin ewro (€1,080) rapprezentanti bilanc tal-prezz patwit ghal bejgh ta' ghamara, linef, bieb ta' barra u oggetti mobbli ohra mibjugha lil konvenut mill-attur.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax l-kawza fit-termini preskritti mil-ligi u lanqas ma deher gha-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher biex jirrispondih u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant it-Tribunal wara li semgha lill-Avukat tal-attur jghid fis-seduta precedenti li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-attur tirrizulta gusitidkata u timmerita konferma u ghaldaqstant tordna lil konvenut ihallas lil konvenut is-somma ta' elf u tmenin ewro (€1,080) bl-imghaxijiet legali mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez a karigu tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Gudikant**